MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 119/2013

**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 27 ta' Marzu 2014**

Rikors Guramentat Nru.  119 / 13RGM

Kawza fil-lista:  25

**A B**
**vs**
**C D, Direttur tar-Registru Pubbliku**
**u permezz ta' digriet datat 4 ta' Ottubru 2013 id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie estromess minn dawn il-proceduri,**
**Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li permezz ta' digriet datat 23 ta' Awwissu 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil minuri E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-17 ta’ Gunju 2013 li permezz tieghu talbet lill-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri E; u konsegwentement;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri E B billi fil-kolonna fejn hemrn indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem 'missier mhux maghruf u tissostitwih bl-isem 'C D' u tordna ukoll illi 1-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b' dawk il-partikolarijiet Ii sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali flimkien ma' dak ta' l-omm u cioe' "D B";

4. Tordna jekk ikun il-kaz l-korrezzjoni fkull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;

5. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E fidejn l-esponenti l-omm;

6. Tordna li l-missier intimat jigi ordnat jissoministra dik ir-retta alimentari stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti skond il-mezzi tal-intimat u l-bzonnijiet tal-minuri;

7. Tillikwida l-manteniment dovut mill-intimat mid-data tat-twelid tal-minuri E B, u tordna lill-intimat ihallas dan il-manteniment hekk likwidat;

8. Tordna lill-intimat C D ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza peress illi dawn il-proceduri kellhom isiru b'rizultat tal-inadempjezza tieghu ghall-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar 2013 notifikata lilu;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposti guramentati tal-konvenut, tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-kuraturi deputati.

Rat illi fil-mori tal-kawza  il-konvenut C Dipprezenta ittra ufficjali biex jigi rikonoxxut missier il-minuri ghal-liema l-attrici irrispondiet fl-affermattiv.

Rat illi fid-19 ta’ Lulju 2013 isem il-konvenut C D gie inserit fil-kolonna intestata ‘missier it-tarbija’ fl-att tat-twelid tal-minuri.

Rat il-ftehim ta’ bejn il-partijiet approvat b’digriet tat-18 ta’ Marzu 2014 fejn il-partijiet qablu li l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom “D B” u li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat in-nota ta’ cessjoni tat-talbiet attrici hlief ghat-tielet talbaipprezentata fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu 2014 u l-verbal tal-istess sduta.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar it-tielet talba attrici u dwar il-kap tal-ispejjez.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici numri wiehed, tnejn,  hamsa, sitta, sebgha u tmienja, u tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna li l-minuri  E ghandha tkun maghrufa bil-kunjom “D B”.

Tilqa’ r-raba talba attrici u tordna li jsir l-opportun annotament fl-att tat-twelid tal-minuri.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u dawk tal-kuraturi deputati li ghandhom jithallsu nofs mill-attrici A B u nofs mill-konvenut C D.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------